MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 109/2004

**Anthony Vella**

**vs**

**Savio Spiteri u b'digriet moghti fil-5 t'Ottubru 2005 giet kjamata fil-kawza is-socjeta Gourmet Company Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

" Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat tirrifondi lill-attur l-ammont kollu ta' kera u konsum ta' telefon fuq in-numru 21556983 fil-fond "Gourmer Bar & Restaurant", Rabat Road Xlendi ghall-perijodu kollu wara l-1992 sa' meta inqata dak in- numru peress illi l-gestjoni tan-negozju f'dak il-fond kienet unikament f'idejk u f'idejn hadd wara l-1992; kif ukoll thallas l-attur l-ispejjez gudizzjarji kollha tal-avviz Nru:126/1997 illi huwa kellu

jhallas skond is-sentenza tal-Qorti tad-9 ta’ Dicmbru 2004 ghall-istess raguni.

Bl-ispejjez gudizzjarji kontra tieghek u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt”

Ra r-risposta tal-konvenut li tikkonsisti fis-segwenti eccezzjonijiet u cjoe’:

“ Il-konvenut qieghed jikkontesta it-talba tal-attur stante:

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni ai termini tal-kodici civili (Kap 16) u senjatament il-preskrizzjoni kwinkwenali ai termini ta’ l-artikolu 2156 (f) tal-kodici civili.
2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju it-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u l-ammont mitlub mhux dovut mill-konvenut.
3. In oltre, fil-meritu, ghal dak illi jirrigwarda l-ispejjez gudizzjarji relattivi ghall-avviz numru 126/1997 dawn iridu jithallsu mill-attur skond is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tad-9 ta’ Dicembru 2004 u fi kwalinque kaz anki l-ispejjez gudizzjarji fil-konfront tal-konvenut billi kien il-konvenut li talab li jigi kjamati fil-kawza Savio Spiteri u Gourmet Company Limited u dawn gew illiberati mill-istess Qorti.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.”

Ra r-risposta tas-socjeta’ kummercjali Gourmet Company Limited li giet imsejjha fil-kawza u li kienet tikkonsisti fl-eccezzjonijiet li gejjin:

“ Il-konvenut qed jikkontesta t-talba tal-attur stante’:
1. Preliminarjament il-preskrizzjoni ta’ sentejn a tenur tal-Kap 16 ghal dak li jikkoncerna rifuzjoni ta’ kera u konsum tat-telefone minn 1992 sa 1999.
2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju il-preskrizzjoni ta’ hames snin ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-kodici civili u tal-Kap 16, ghal dak li jikkoncerna kera u konsum tat-telefon minn 1992 sa 1999.
3. Fil-mertu, l-ispejjez gudizzjarji relattivi ghall-Avviz Nru 126/1997 jridu jithallsu mill-attur skond is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tad-9 ta’

Dicembru 2004 billi eccipjenti socjeta' giet illiberata mill-istess Qorti ghal dawn, kif ukoll il-konvenut.
4. Ir-Res Gudikata dwar it-talbiet tal-attur skond is-sentenza tad-9 ta' Dicembru 2004 fuq imsemmija.
5. Inoltre, fil-mertu, it-talba tal-attur hija fil-fatt u fid-dritt u l-ammont mitlub mhux dovut mill-eccipjenti socjeta! "

Ha konjizzjoni tal-process tal-kawza fl-ismijiet *Korporazzjoni Telemalta vs Toni Vella* (Avviz Nru 126/1997) deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Sede Inferjuri fid-9.12.2004

Sema' d-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti

Ra l-kapitoli tal-attur ipprezentati fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2005 ghal liema kemm il-konvenut kif ukoll is-socjeta' msejjha fil-kawza baqghu kontumaci

Ikkunsidra

L-ewwel eccezzjoni tal-istess kjamat fil-kawza u cioe' tal-preskrizzjoni tas-sentejn qieghdha tigi respinta billi ma giex iccitat l-artiklu tal-ligi li fuqu qieghdha tigi bbazata.

Dan it-Tribunal, permezz ta' decizjoni li ta' fil-5 t'Ottubru 2005, diga' cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali kkontemplata mill-artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili, imressqa mill-konvenut u ghall-istess ragunijiet ivi dedotti jichad ukoll it-tieni eccezzjoni kontenuta fir-risposta tas-socjeta' kjamata in kawza.

Ir-raba' eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza, hija dik tal-gudikat. Il-kwistjoni fiz-zewg kawzi hija differenti,u wkoll bejn persuni differenti. Fl-ewwel kawza, il-kwistjoni li giet dibattuta u maqtugha kienet dik imressqa mill-Maltacom plc – li mhix parti fil-kawza prezenti - dwar min mill-attur , il-konvenut u l-kjamat in kawza f'din il-kawza kienu responsabbli fil-konfront ta' dik il-kumpannija ghall-hlas tal-kontijiet tas-servizz telefoniku. Fil-kawza tallum, il-kwistjoni hija *toto cielo* differenti – mhux biss hija bejn persuni differenti, imma wkoll il-kawzali hija differenti: issa

l-kawzali mhix iktar il-hlas tas-servizz telefoniku, imma hija r-rifuzjoni ta' tali hlas li sar mill-attur allegatament a beneficcju tal-konvenut jew tal-kjamat fil-kawza. Il-Qorti, fl-ewwel kawza, mhux biss ma dahlitx fil-kwistjoni li giet imressqa ghall-kunsiderazzjoni ta' dan it-Tribunal, anzi fid-*decide* qalet espressament li kienet qieghda thalli mpregudikati d-drittijiet talvolta spettanti lill-konvenut (l-attur odjern) kontra l-kjamat in kawza proprio et nomine (cioe' l-konvenut u l-kjamat in kawza odjerni). Ghalhekk l-eccezzjoni tal-gudikat sollevata mill-kjamat in kawza qieghdha tigi respinta.

L-ispejjez gudizzjarji li sofra l-attur odjern, fil-kapacita'tieghu ta' konvenut vis-a-viz s-socjeta' attrici Maltacom plc fl-ewwel kawza, johorgu wkoll barra mill-isfera tar-res judicata.

Invece, l-ispejjez gudizzjarji tal-kjamat in kawza proprio et nomine fl-ewwel kawza jifformaw gudikat *inter partes* u zgur li dan it-Tribunal ma jistax jinoltra ruhu biex jiftah mill-gdid din il-kwistjoni gia' kkunsidrata u maqtugha mill-Qorti.

Il-kapitoli m'humiex qeghdin jittiehdu bhala prova fil-konfront tal-kjamat in kawza billi l-ewwel kellhom jigu decizi l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni imqanqla mill-istgess kjamat in kawza; filwaqt li fil-konfront tal-konvenut, il-kapitoli qeghdin jittiehdu bhala prova biss flimkien mal-provi l-ohrajn imressqa fil-kawza.

Mill-provi jirrizulta bla ebda dubbju li s-servizz telefoniku bbenefikat minnu biss is-socjeta' Gourmet Company Limited.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta'u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tal-attur fil-konfront tal-konvenut bl-ispejjez a kariku tal-attur filwaqt li jilqa' l-istess talbiet fil-konfront tal-kjamat fil-kawza limitatament ghas-somma ta' LM950 kera u konsum ta' telefon 21556983 fil-fond *Gourmet Bar & Restaurant* ghall-perjodu wara n-1992 sa meta nqata' l-istess numru, u ghall-ispejjez tal-Maltacom plc (LM134.75c) u tal-konvenut (l-attur odjern) (LM47.19) fl-

ewwel kawza;  bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez tal-istanti hlief dawk tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------